# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI**

**Isem:** ___________________________ **Klassi:** _______________

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:***

# Katakombi fil-Gudja
# Jerġa'Jara d-Dawl tax-Xemx



Wara ħamsin sena midfun taħt diversi saffi ta' żrar u asfalt, il-katakombi Ruman fil-Gudja, li kien ġie skavat għall-ewwel darba fil-bidu tas-seklu għoxrin, issa reġa' ra d-dawl tax-xemx ...... b'kumbinazzjoni! Iva, għax kien proprju xogħol li qed isir f'ġenb it-triq ta' ħdejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li wassal biex, sa fl-aħħar, jerġa' jinstab dan il-katakombi 'mitluf'. Katakombi huwa post tad-dfin u tat-talb li jinsab imħaffer taħt l-art. (*par. 1*)

Is-sit fejn jinsab dan il-katakombi huwa magħruf bħala Ħal Resqun, fil-limiti tal-Gudja. Kien il-magħruf arkeologu Sir Temi Zammit li fl-1912 skava dan il-katakombi, imma dan kien ġie 'mgħotti' bl-iżvilupp li kien sar minħabba l-mitjar ta' Ħal Luqa. (*par. 2*)

Għalkemm kien magħruf li l-katakombi jinsab x'imkien taħt ir-rawndebawt li tinsab viċin il-kappella ta' Bir Miftuħ, il-pożizzjoni eżatta tiegħu ma kinitx magħrufa. Minkejja li kienu saru tentattivi biex jiġi skopert mill-ġdid, dawn fallew u għalhekk kiber il-biża' li l-katakombi seta' nqered darba għal dejjem. (*par. 3*)

Madankollu, b'xorti tajba għall-arkeoloġija ta' pajjiżna, ix-xogħol li qiegħed isir fit-triq ta' ħdejn l-ajruport kixef il-post eżatt fejn kien qiegħed dan il-katakombi. Aħbar tajba oħra hija li, meta wieħed iqis is-snin twal li dan il-katakombi ilu abbandunat, hu nstab fi stat tajjeb u d-dekorazzjonijiet u x-xeni mnaqqxin fil-blat għadhom ippreservati tajjeb u jintgħarfu sewwa. (*par. 4*)

Fil-fatt, fost oħrajn, fil-blat hemm imnaqqxin figuri ta' annimali u bnedmin li jitfgħu dawl fuq kif ir-Rumani li għexu f'pajjiżna kienu jħarsu lejn il-mewt u l-ħajja wara l-mewt. Mas-sejba tal-katakombi, l-Awtorità tat-Trasport (A.D.T.), li kienet qiegħda tieħu ħsieb ix-xogħol fit-triq, imxiet mar-rakkomandazzjonijiet tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali biex, waqt li ma ssirx ħsara lill-katakombi, dan jiġi kkonservat. (*par. 5*)

*(Addattament ta' rapport ta' John Pisani :16/8/2006)*

| **A. FEHIM IT-TEST** | (10 marki) |
|---|---|

1. Kemm-il sena kien ilu midfun il-katakombi tal-Gudja?

   Dan kien ilu midfun ________________________________________ (marka)

2. Taħt xiex kien midfun dan il-katakombi?

   ________________________________________________________________ (marka)

3. Kif instab dan il-katakombi 'mitluf'?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________(marka)

4. Kif inhu magħruf is-sit fejn jinsab dan il-katakombi?

   ________________________________________________________________(marka)

5. Min skava dan il-katakombi l-ewwel darba, u meta?

   Kien ___________________________ u l-iskavi saru fis-sena ____________(2 marki)

6. X'kienet l-aħbar tajba l-oħra marbuta mas-sejba ta' dan il-katakombi ?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________(marka)

7. X'kienu juru x-xeni li kien hemm fuq il-ħitan tal-blat tal-katakombi?

   ________________________________________________________________(marka)

8. X'dawl jitfgħu l-figuri li hemm imnaqqxin fil-blat ta' dan il-katakombi?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (marka)

9. X'kienu r-rakkomandazzjonijiet tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________(marka)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Mill-verb **kixef** *(par.4)* noħorġu n-nom verbali ***kixfa*** jew in-nom verbali ***kxif***.

   Oħroġ nom verbali minn **seraq:** ____________ u minn **sab:** ___________ (2 marki)

2. Minn **tajjeb** (*par.4*) noħorġu ***nom denominattiv*****: tjubija.**
   Oħroġ ***nom denominattiv*** mill-kelmiet li ġejjin:



| | | |
|---|---|---|
| i | raġel | |
| ii | ħażin | |
| iii | sabiħ | |

(3 marki)

3. In-nom **imħabba** hu ***nom astratt*** għaliex ma jaqax taħt is-sensi tagħna.
   Sib nom astratt minn *paragrafu 3*

   ___________________________ (marka)

4. Imla l-vojt skond l-għerq mogħti wara l-ispazju. (Ara l-eżempju.)

   (a) Is-suldat Ruman kellu lanza tal-**<u>ħadid</u>** (ħ-d-d).

   (b) Marija xtrat _________ (l-b-s) ġdida għall-festa tar-raħal.

   (ċ) It-________ (t-j-ġ) ta' Sharon u Mike se jsir fil-kappella ta' San Niklaw.

   (d) Kelli aptit biċċa _________ (ħ-b-ż) biż-żejt u t-tadam.

   (3 marki)

5. In-nom **mitjar** (*par. 2*) hu ***nom mimmat*** li ġej mill-verb **tar*.***
   Oħroġ nom mimmat minn dawn il-kelmiet li ġejjin:

   (a) **fetaħ** - _____________________ ; (b) **siġar** - ______________________ (2 marki)

6 Il-frażi **ġenb it-triq** (*par.1*) hi frażi fl-***istat kostrutt****.* Qiegħed fl-istat kostrutt il-frażijiet li ġejjin:

   id-dahar tas-siġġu: _________________________________

   il-bieb tal-belt: _________________________________ (2 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Sib mill-ewwel paragrafu kelma li tfisser **mitjar** (*par.2*):________________ (marka)

8. Agħżel it-tajba: il-kelma **katakombi** (*par.1)* tfisser:
(i) teżori ___, (ii) għodod antiki __ (iii) post tad-dfin taħt l-art __ . (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

9. Flok il-frażi **jitfgħu dawl** (*par.5*) aħna nistgħu niktbu:
(i) jixegħlu xi bozza ____
(ii) iżejnu t-triq bil-bozoz ____
(iii) jagħtu informazzjoni ____ (marka)

10 . Il-frażi **Aħbar tajba oħra** *(par.4*) hi marbuta ma':
(a) Is-sejba tal-katakombi ___
(b) Ix-xogħol li qiegħed isir fit-triq ta' l-ajruport ___
(ċ) L-Awtorità tat-Trasport. ___ (marka)

**SINTASSI**

11. Aqleb din is-sentenza f'diskors dirett billi tagħmel użu tajjeb mill-punteġġjatura:

L-għalliem staqsa lill-istudenti tal-klassi tiegħu jekk xtaqux imorru jżuru l-katakombi ta' Ħal Resqun.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |
|---|---|

1. Immarka **2 idjomi** minn dan il-paragrafu billi tagħmel **sing** taħthom:

Kevin kien bniedem li jara lil kulħadd dubbien. Barra minn hekk ma kellux kwiet f'ġismu u kien jaqbad ma' kulħadd. Darba qabad ma' Ben għax sabu nagħġa. Kellu l-wiċċ jgħajru b'ommu u anke wasal biex refa' idu fuqu. Imma meta qabad ma' Rosita ħareġ ta' ħmar għax din waqfitlu. Kienu qishom kelb u qattus jiġġieldu.
(2 marki)

2. Meta Peter u Bertu ftiehmu fuq il-bejgħ tad-dar, Peter qal, "Issa niktbu kelmtejn għand in-nutar għaliex **l-Għarbi jgħid: il-miktub mhux maħrub**."

Dan il-qawl ifisser: ______________________________________________________

_____________________________________________________________(2 marki)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

**Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar 30 kelma fuqha:**



**(a)** Il-klassi tiegħek marret iżżur post storiku qrib l-iskola fejn tattendi. Int ġejt mitlub/mitluba sabiex **tiddeskrivi fil-qosor** x'ġara matul din il-ħarġa kulturali.

**JEW**

**(b)** Il-kunsill lokali tar-raħal tiegħek se jorganizza ħarġa sa l-Imdina. Din se tkun għal żgħażagħ ta' mparek. Ikteb **l-avviż** għal din il-ħarġa. Tinsiex issemmi fejn se tmorru, meta u x'ħin se tmorru, it-trasport, kemm se ddumu u kemm hu l-ħlas għal din il-ħarġa.

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Għall-proġett ta' din is-sena, **Idea ta' Lingwa** int studjajt dwar il-lingwa. Ikteb **erba' sentenzi** dwar dak li studjajt .

| **F. LETTERATURA** | (30 marka) |
|---|---|

**(i) Nadriet**

1. Aqra din il-kitba poetika ta' Victor Fenech u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:



Kull Ġimgħa l-Kbira jerġa' jiġi l-pitirross, ħa jġedded ħmuret
sidru bil-qtar tad-demm divin. Jum wara jum is-sena kif
iddur iħoss il-ġamra tiftel u l-ħmura qiegħda tnin. Għalhekk
kull Ġimgħa l-Kbira jerġa' jiġi l-pitirross , ħa jġedded ħmuret
sidru bil-qtar tad-demm divin.

U jerġa' jisma' l-eku ta' l-Imsallab il-kelmiet 'Eli, Eli ... '

Iħares il-pitirross lejn il-miġemgħa-merħla għadhom itellgħu
x-xorti fuq mantell ta' kulur skur. U jħoss qalbu tingħafas u
sidru jħoss jiċkien. U waħdu jsamma' leħnu, kantaliena diq-
dulur, li tidwi fuq il-għolja u tinżel fil-widien titbandal qalb
il-friegħi bħal nieqa ta' serħien.

a. Fuq liema għasfur tittratta din il-kitba poetika?________________________ (marka)

b. Skond il-poeta, kull meta jiġi dan l-għasfur?___________________________ (marka)

ċ. L-għasfur iħossu mdejjaq minħabba li n-nies ma jagħtux kas ta' Kristu Msallab.

**VERU** ___ **FALZ** ___ (marka)

d. Din l-għamla ta' kitba poetika tissejjaħ: ______________________________ (marka)

e. Sib mill-aħħar strofa żewġ kelmiet li jirrimaw.

Il-kelmiet huma : ________________ u __________________. (marka)

2. F'madwar **20 kelma** ikteb il-ħsieb ta' **waħda** minn dawn il-poeżiji f'**Aktar Nadriet** :
(Il-poeżiji huma: *Fis-Skiet*, *Raqdet il-Belt*, *Iż-Żgħożija*, *Fjura tas-Sur*, *Ħabbata*)

______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________ (5 marki)

**(ii) Stejjer taċ-Ċarrut**

1. F'**Jitkellem James Grech**, James kien tifel li ddeċieda________________________
_____________________________________________________________ (marka)

2. **Willie** kien tifel dgħajjef li l-iskola ta' sikwit kien:
(a) jirbaħ premju ___, (b) jittanta l-għalliema ___, (ċ) jaqla' xi xebgħa ___. (marka)

3. F' **L-Iskuter**, Ninu kien weġġa' waqt ________________________________ (marka)

4. **Catullus** kien: (a) suldat Ruman___, (b) għasfur ___, (ċ) bejjiegħ tal-ħut ___. (marka)

5. F'**Ġuħa u t-Tin**, għaliex Ġuħa talab għall-ġar tiegħu? ________________________
_____________________________________________________________ (marka)

**(iii) Stejjer għal Qabel Jidlam** (6 marki)

Agħżel **storja waħda** minn (a) **It-Tifel tal-Baħar**, (b) **Ix-Xemx fuq it-Tieqa**; (ċ) **L-Ewwel Telefonata** u ikteb **3 sentenzi** fuqha.

_____________________________________________________________
_____________________________________________________________
_____________________________________________________________
_____________________________________________________________
_____________________________________________________________
_____________________________________________________________

**(iv) Jinqabad bid-Drogi** **(9 marki)**

Ikteb *fuq karta separata* madwar **30 kelma** fuq il-ġrajja ta' **waħda** minn dawn l-istejjer: **Ċinzja**, **Ngħix bl-Imħabba tal-Biċċiet, Monologu: l-aħħar waqtiet ta' Simon ir-Raggae**.

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.



1. Il-passatemp favorit tiegħi.
2. L-ewwel darba li mort nikkampja.
3. Ir-raħal jew il-belt tagħna nhar il-festa.
4. Persuna li nirrispetta.
5. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-trasport pubbliku.
6. Djalogu bejn żewġ studenti dwar ix-xogħol li jixtiequ jagħmlu la jikbru.